# Gwida ta' Prattika Tajba

***Xogħol f'Bini Eżistenti:***

***Punti li Għandhom Jkunu Osservati Sabiex Jitnaqqas ir-Riskju ta' Inċidenti***

AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA
U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST
TAX-XOGĦOL

17, Triq Edgar Ferro, Pietà, PTA 1533, Malta • tel: +356 21247677 • email: ohsa@gov.mt • www.ohsa.org.mt

© AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

# Ħsieb wara din il-Gwida

Is-settur tal-kostruzzjoni hu wieħed mill-kontributuri tal-ekonomija Maltija. F'Diċembru tal-2014, skont statistika maħruġa mill-NSO, f'dan is-settur kienu jaħdmu madwar 10,000 ħaddiem[1]. Ħafna minn dawn jaħdmu f'intrapriżi żgħar u medji.

Statistiċi dwar korrimenti u mard relatati ma' xogħol miġbura tul l-aħħar snin juru li r-rata ta' korrimenti fl-industrija tal-kostruzzjoni għal diversi snin kienet waħda mill-ogħla meta mqabbla ma' industriji oħra ta' xogħol f'pajjiżna[2]. Livell baxx ta' saħħa u siġurtà fuq il-post tax-xogħol hu wieħed mill-fatturi li jwasslu għal inċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol, inkluż fost l-oħrajn, piżiijet finanzjarji fuq min iħaddem, il-ħaddiema nfushom u l-familji tagħhom. Wieħed jinnota, b'sodisfazzjon, li ħafna imprendituri fis-settur tal-kostruzzjoni qed juru impenn dirett u tanġibbli għal titjib fil-livell ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm sar progress, dejjem hemm lok għal titjib. Għaldaqstant l-OHSA tkompli taħdem sabiex tiżgura li jinġieb 'il quddiem u jkun imħares minn kull min għandu l-obbligu legali, il-ġid fiżiku, psikoloġiku u soċjali tal-ħaddiema kollha fis-settur tal-kostruzzjoni u fil-postijiet l-oħra kollha tax-xogħol.

Din il-gwida ta' prattika tajba għandha għaldaqstant tinqara fid-dawl ta' obbligi legali, kif spjegat hawn isfel(iżda mhux bħala referenza legali) u mingħajr preġudizzju għal liġijiet oħrajn, fosthom il-L.S. 504.83 (Avviż Legali 295 ta' l-2007) *Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni*, maħruġa mill-Uffiċju għar-Regolamentazzjoni tal-Bini (BRO). Għalhekk din il-gwida għandha sservi bħala għodda minn min iħaddem jew jaħdem b'mod dirett fis-settur tal-kostruzzjoni, kif ukoll minn persuni professjonisiti li jagħtu pariri lil min għandu dawn l-obbligi, biex flimkien jieħdu pakkett ta' miżuri fl-interess tas-saħħa u sigurtà.

Skont l-Avviż Legali 281 ta' l-2004, il-"klijent" hu l-persuna naturali jew legali għal min jitwettaq il-proġett. Skont dawn ir-regolamenti, il-klijent għandu diversi obbligi li l-għan ewlieni tagħhom hu li jiżguraw immaniġjar aħjar ta' saħħa u sigurtà fuq is-siti ta' kostruzzjoni. Dawn il-miżuri għandhom jiġu maħsuba kemm fil-fażi tad-disinn tal-proġett kif ukoll waqt il-fażi tal-bini.

Wieħed mill-obbligi importanti li għandu l-klijent hu l-ħatra ta' *project supervisor*. Il-klijent għandu d-dmir li jaħtar għal kull proġett, *project supervisor* għall-istadju tad-disinn *u project supervisor* għall-istadju tal-kostruzzjoni. Il-klijent jista' jassumi dan ir-rwol, dejjem jekk ikun kompetenti fil-qasam tas-saħħa u sigurtà.

Il-*project supervisors* għandhom diversi obbligi sabiex jassiguraw koordinament tal-miżuri tas-saħħa u sigurtà fuq is-siti tal-kostruzzjoni. Il-*project supervisor* tal-proġett għall-istadju tad-disinn għandu, fost l-oħrajn, jassigura li qabel jibda x-xogħol isir pjan ta' saħħa u sigurtà, li jistabilixxi r-regoli applikabbli u partikulari għas-sit ta' kostruzzjoni. Dan id-dokument, flimkien ma' dokumenti oħra li jirrigwardaw materji ta' saħħa u sigurtà abbinati ma' l-iżvilupp, għandhom jitqiegħdu fil-*file* ta' saħħa u sigurtà sabiex jiġu spezzjonati f'każ ta' bżonn. F'każ li l-klijent jiddisponi mill-interess tiegħu fil-proġett, dan għandu jgħaddi il-*file* lil dik il-persuna li tkun se tassumi interess fil-proġett. F'każ ta' ċertu proġetti, il-*project supervisor* tal-istadju tad-disinn għandu wkoll l-obbligu li jikkomunika lill-OHSA avviż bil-quddiem.

Il-*project supervisor* għall-istadju tal-eżekuzzjoni tal-proġett għandu diversi obbligi fosthom li jikkordina l-implimentazzjoni tal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni u dispożizzjonijiet relevanti sabiex ikun assigurat li jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex tigi mħarsa s-saħħa u sigurtà. Huwa fid-dmir tal-*project supervisor* li jorganizza kooperazzjoni bejn il-kuntratturi diversi bl-iskop li jiġu protetti l-ħaddiema u jiġu evitati perikli u incidenti.

Tajjeb li wieħed ikun jaf li meta l-klijent ikun ħatar *project supervisor*, dan ma jeħlisx lill-klijent mir-responsabbiltajiet li jkollu f'dak ir-rigward.

Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qed isir għal dik il-persuna li tħaddem. [Art 6(1) Att 27/2000]. Dan għandu jieħu numru ta' miżuri sabiex jiżgura s-saħħa u s-sigurtà fuq il-bażi ta' numru ta' prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni kif stipulati fl-istess Att, u liġijiet sussidjarji, fosthom:

a. Evalwazzjoni tar-riskju;

b. Sistema maniġerjali ta' prevenzjoni u protezzjoni, li tassigura ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitorġġ u reviżjoni tal-miżuri preventivi u protettivi;

c. Jaħtar persuna kompetenti li tassistih fit-teħid ta' miżuri meħtiega fejn tidħol il-protezzjoni tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' fuq ix-xogħol;

d. Jiżgura li kull ħaddiem jirċievi taħriġ adegwat fuq is-saħħa u s-sigurtà, partikolarment fil-forma ta' informazzjoni u istruzzjonijiet speċifiċi għax-xogħol assenjat;

e. Konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema fuq miżuri ta' saħħa u sigurtà; u

f. Jiżgura li minn fost il-ħaddiema li jħaddem jiġu eletti, magħżula jew nominati rappreżentanti tas-saħħa u sigurtà tal-ħaddiema, fejn hemm għadd suffiċjenti ta' ħaddiema.

Huwa fid-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u sigurtà tiegħu innifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir. Dan, filwaqt li jikkopera ma' min iħaddem u mar-rappreżentant/i għas-saħħa u sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà.

Iktar informazzjoni fuq id-diversi miżuri tinstab fl-Avviż Legali 281 tal-2004 li jikkonċerna r-regolamenti dwar il-post tax-xogħol (*Bżonnijiet Minimi ta' Saħħa u Sigurt*à *Fuq il-Post tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni*). Wieħed għandu jirreferi ukoll għal diversi regolamenti oħra li jolqtu wkoll l-industrija tal-kostruzzjoni, bħal l-użu ta' kimiċi, makkinarju, ħaddiema vulnerabbli u materji oħra. Għalhekk hu importani li dawn ikunu osservati minn kull min għandu obbligi legali sabiex jiġi mfassal pakkett ta' miżuri fl-interess tas-saħħa u s-sigurtà.

**Referenza:**

[1] NSO, Malta, (2015). *Labour Force Survey: Q4/2014*.

[2] OHSA, Malta, (2015). *Report of Activities for the Period 1st January 2014 – 31st December 2014*

# Xogħol f'Bini Eżistenti – Punti ta' Osservazzjoni

F'Malta għadna nsibu diversi djar antiki mibnija b'elementi bħal xorok u arkati. Meta dawn jiġu biex jitneħħew, jew isiru alterazzjonijiet fihom, il-ħaddiema jistgħu jkunu esposti għal perikli serji jekk l-interventi ma jsirux kif suppost.

Kull bini fih storja għalih, differenti mill-bini ta' maġenbu. Żbalji żgħar matul interventi fil-bini jistgħu jwasslu għal inċidenti serji, inkluż korrimenti. Huwa dejjem importanti li jkun involut bniedem tekniku meta jsiru interventi fil-bini. Ix-xogħol irid isir dejjem bis-sengħa u l-galbu sabiex ikunu evitati riskji żejda ta' korriment jew ħsara f'bini u apparat jew inġenji.

Strutturi antiki (mibnija bi travi, arkati, xorok, eċċ.) huma differenti mill-bini modern (mibni b'konkrit rinfurzat). Strutturi antiki ġeneralment jiddependu fuq l-għafsa bejn il-membri (*compression*) waqt li dawk mibnijin bil-konkrit rinfurzat jiddependu fuq il-ġibda (*tension*) tal-azzar użat. Għal kuntrarju ta' bini modern, bini antik iċedi b'mod fraġli (*brittle failure*) u immedjat mingħajr ebda sinjali (qsim, eċċ.) u għaldaqstant jeħtieġ attenzjoni akbar u metodoloġiji speċifiċi meta jsiru interventi jew twaqqigħ fuq bini ta' dan it-tip.

- **Qabel** isir xi forma ta' ntervent fuq il-bini, għandu jkun assigurat li jkunu qed jiġu osservati l-liġijiet kollha marbutin mas-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit tal-kostruzzjoni kif ukoll obbligi oħra li joħorġu minn regolamenti oħra jew meħtieġa minn awtoritajiet oħra.

- **Dejjem** osserva t-tip u l-funzjoni ta' elementi strutturali (arkati, travi eċċ..) użati fil-bini u ara kif l-elementi jirrelataw bejniethom jew ma' elementi oħra fil-bini tal-maġenb. Fittex pjanti strutturali meta dawn huma disponibbli.

- **Dejjem** ippjana kif ser isir x-xogħol qabel tibda. Ara fejn hemm bżonn irfid jew kontrolli oħra (mursalli, puntali, travi addizjonali, eċċ.).

- **Dejjem** evalwa r-riskji speċifiċi li jeżistu fuq il-post fejn qed taħdem. Ħu miżuri u prekawzjonijiet xierqa skont ir-riskji nvoluti. Qatt tassumi xejn.

- **Ftakar** li għandek tipprova tevita jew tikkontrolla r-riskji qabel tirrikorri għall-użu ta' tagħmir personali protettiv. Dan it-tagħmir għandu jiġi provdut mingħajr ħlas mingħand min iħaddem.

- **Dejjem** uża għodda tal-idejn fejn l-użu ta' makkinarju akbar jista' jwassal għal ħsara lill-bini ta' maġenbu jew joħloq riskji għal terzi persuni.

- **Dejjem** ara li l-ħaddiema li jaħdmu fuq dan ix-xogħol huma kompetenti u li huma mħarrġa sew f'xogħolhom.

# Ħitan Antiki

Ħitan f'binjiet antiki jikkonsistu fi qxur separati ta' xulliel fuq barra mimli b'mazkan bejn il-qxur. Is-saħħa ta' ħitan antiki tiddependi fuq il-ħxuna tal-ħajt u r-rabta (*bond*) bejn l-elementi tal-ġebel.

- **Qatt** iżżarma parti mill-ħajt (xulliel) u tħalli l-mazkan espost mingħajr sapport adegwat.
- **Qatt** tħalli l-wiċċ tal-ħajt mikxuf u espost għall-ilma. L-ilma jista' jwassal għal pressjoni laterali (*side thrust*) li jwassal għal kollass.
- **Dejjem** iċċekkja jekk hemmx xi difetti fil-ħajt (qsim jew kurvaturi fil-ħajt (ħajt imżaqqaq), nuqqas ta' invellar (*lack of plumb*)), eċċ
- **Dejjem** iċċekkja x'piżijiet qed jerfa' l-ħajt mis-sulari ta' fuqu u l-kontribut ta' elementi oħra strutturali (soqfa, travi, arkati eċċ) oħra sabiex ikun provdut irfid adegwat.
- **Dejjem** irfed qabel tagħmel xi interventi fil-faċċata jew ħitan interni.

# Soqfa

- **Ftakar** li x-xorok huma suġġetti għal qsim immedjat (*brittle failure*).
- **Qatt** tgħabbi xorok b'torba jew piżijiet addizzjonali aktar minn dak maħsub għalih.
- **Qatt** tuża puntali direttament fuq/taħt xorok. Dejjem uża twavel u/jew travi addizjonali sabiex tifrex il-piż.
- **Qatt** tirfes direttament fuq ix-xriek. Uża twavel sabiex tifrex il-piż kemm tista'.
- **Dejjem** arma saqaf temporanju taħt soqfa li jridu jitneħħew. Ara li dan ikun stabbli u mirfud f'każ ta' ħtieġa. L-armar għandu jkun approvat minn persuna kompetenti qabel jintuża.

# Travi

- **Dejjem** iċċekkja sew travi għal difetti bħal qsim, kurvaturi, susa, effetti tal-ilma jew sadid.
- **Ftakar** li l-penetrazzjoni tal-ilma mis-soqfa jew ħitan tagħmel ħafna ħsara lit-travi, kemm dawk tal-injam u dawk tal-azzar.
- **Dejjem** neħħi travi primarji (*primary elements*) wara dawk sekondarji (*secondary beams*).

# Ftuħ ta’ Aperturi

- **Dejjem** iċċekkja jekk jeżistux fetħiet addizzjonali fis-sulari soprastanti ta’ fejn hu propost il-ftuħ il-ġdid. Uża għeluq temporanju u kunjardi fejn hemm bżonn.
- **Dejjem** ara li soqfa li qed iserħu fuq ħitan li fuqhom ser isir ix-xogħol għandhom sapport adegwat temporanju sakemm isir ix-xogħol propost.
- **Dejjem** uża kunjardi u suletti kif meħtieġ skont is-sengħa tal-bini.

# Gallariji

- **Dejjem** irfed u pprovdi sapport temporanju, li jkun approvat minn persuna kompetenti, taħt gallariji u saljaturi qabel ma ssir demolizzjoni jew interventi oħra fihom.
- **Qatt** tassumi li gallariji għandhom kontrapiż adegwat. Ħu prekawzjonijiet addizjonali f’każ ta’ bżonn sabiex tassigura l-istabilità tal-istruttura.
- **Dejjem** iċċekkja għall-preżenza ta’ asbestos f’gallariji antiki. Informa persuna teknika dwar miżuri sabiex jitneħħa dan il-materjal b’mod adegwat.

# Arkati

- **Dejjem** uża sapport taħt is-samrotti qabel kull intervent f’arkati.
- **Qatt** tuża ktajjen/ħbula sabiex twaqqa’ arkati. Demolizzjoni ta’ elementi strutturali permezz ta’ ġbid tista’ twassal sabiex dawn l-elementi jtiru mingħajr ebda kontroll.
- **Dejjem** agħti kas tal-forzi laterali preżenti f’arkata. Qatt tneħħi arkati qabel ma jkun provdut irfid adegwat orizzontalment.

# Turġien

- **Dejjem** iċċekkja l-istat tal-pedati għal xi qsim viżibbli
- **Dejjem** ipprovdi lqugħ temporanju taħt turġien li qed jiżżarmaw.
- **Qatt** toqgħod fuq turġien li jkunu qed jiżżarmaw iżda uża pjattaforma ta' aċċess maġenb it-taraġ.
- **Dejjem** żarma taraġ minn fuq billi tneħħi tarġa wara l-oħra.

# Elementi ta' Konkrit Rinfurzat

- **Dejjem** iċċekkja l-istat ta' soqfa għal qsim sinjifikanti jew possibbilita' ta' korrużjoni (*corrosion*) fir-rinforz tal-konkrit. Titlax direttament fuq soqfa li potenzjalment jistgħu jaqgħu bik.
- **Qatt** tassumi li d-direzzjoni tax-xibka hi fil-parti l-qasira tas-saqaf. Ikxef parti żgħira tar-rinforz sabiex tiċċekkja.
- **Qatt** tgħabbi soqfa b'materjal jew piżijiet addizzjonali aktar minn dak maħsub għalih.
- **Dejjem** arma saqaf temporanju taħt soqfa li jridu jitneħħew. Ara li dan ikun stabbli u mirfud f'każ ta' ħtieġa. L-armar għandu jkun approvat minn persuna kompetenti qabel jintuża.

# Skavar u Pedamenti

- **Dejjem** itlob parir professjonali rigward is-saħħa tal-blat sabiex jiġu utilizzati pedamenti adegwati. Agħti kas ta' fissuri u difetti oħra fil-blat.
- **Dejjem u**ża bażijiet apposta skont it-tip ta' materjal tal-art.
- **Qatt** tiskava maġenb ħitan mingħajr ma tkun ivverifikajt l-istabbilita' tal-bini tal-maġenb.
- **Ftakar** li skont l-obbligi tal-Kodici Civili (Kap 16, 439), ħadd ma jista' jħaffer fil-fond tiegħu bjar, ġwiebi, jew latrini, jew jagħmel tħaffir ieħor għal kull ħsieb li jkun, f'bogħod ta' anqas minn sitta u sebgħin (76) ċentimetru mill-ħajt diviżorju.

# Kantini u Bjar

- **Dejjem** iċċekkja għal preżenza ta' kantini u/jew bjar taħt il-pjan terran, speċjalment qabel isir xi rfid.
- **Qatt** tħalli bokok miftuħin u mingħajr sinjali ta' identifikazzjoni.
- **Dejjem** ħu l-prekawzjonijiet kollha marbuta ma' xogħol fi spazji ristretti qabel taħdem (L.S. 424.27).
- **Żomm** f'moħħok il-possibiltà ta' ilma kontaminat, gassijiet tossiċi, nuqqas ta' ossiġnu, eċċ…

# Apparat ta' Xogħol

- **Dejjem** ara li t-tagħmir li qed tuża hu adattat għax-xogħol li tkun ser twettaq mingħajr periklu għas-saħħa u sigurtà. Segwi normi ta' CE marking fejn applikabbli.
- **Ftakar** li karatteristiċi ta' sigurtà qegħdin hemm fl-interess ta' min juża l-apparat ta' xogħol. Qatt tagħmel modifiċi fl-apparat.
- **Dejjem** aqra u segwi struzzjonijiet mill-manifattur tal-apparat qabel tużah. Qis li tkun mħarreġ sew qabel tuża l-apparat.
- **Ara** li l-apparat qed issirlu manutenzjoni adegwata. Spezzjonijiet u ċertifikazzjoni ta' dan l-apparat għandhom isiru skont l-obbligi statutorji.

# Servizzi

- **Dejjem** iċċekja minn fejn għaddejin is-servizzi qabel kull forma ta' intervent. Uża apparat ta' identifikazzjoni f'każ ta' bżonn. Żomm nota ta' minn fejn għaddejin is-servizzi fil-*health and safety file*.
- **Ara** li servizzi li tkun ser taħdem fuqhom mhumiex attivi. Itfi/agħlaq *mains*, valvi, eċċ… f'każ ta' ħtieġa sabiex taħdem.
- **Dejjem** iċċekkja għall-preżenza ta' asbestos u/jew ċomb f'tankijiet tal-ilma, katusi u kanen tal-ilma. Dawn ġieli jinstabu f'bini antik.  Informa persuna teknika dwar miżuri sabiex jitneħħa dan il-materjal b'mod adegwat.